MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**DEBORAH MIFSUD ATTARD**

Seduta tat-30 ta' April, 2013

Talba Numru. 214/2012

**F.A. Limited**
**C 38734**

**Vs**

**Rene Holmgren**
**ID 49345A**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-Talba fl-ismijiet premessi pprezentat fil-15 ta' Marzu, 2013 tiddikjara l-konvenut debitur verus is-socjeta' attrici fl-ammont ta' elfejn, u tnejn u disghin ewro u tnejn u tletin centezmu (€2,092.32) rapprezentanti bilanc ta' prezz minnek dovut fuq diversi fatturi u liema ammont baqa' ma thallasx nonostante diversi 'nterperlazzjonijiet u kundanna ghal hlas tal-istess.

Bl-ispejjez, inkluz l-imghax legali mid-data tal-ahhar fattura u tal-ittra ufficjali ezekuttiva 3742/11 u l-mandati kawtelatorji.

Ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta' attrici ghas-subizzjoni tal-konvenut sabiex iwiegeb ghalihom bil-gurament tieghu u biex b'hekk il-kreditu hawn pretiz jigi ppruvat (Artiklu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili)

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut giet debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma deher ghas-seduta tal-10 ta' April, 2013 u lanqas ghas-seduta ta' llum.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici fis-seduta tal-10 ta' April, 2013 u filfatt il-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha titiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvat, it-Tribunal jilqa' it-talba u jikkundanna lill-konvenut jhallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elfejn, u tnejn u disghin ewro u tnejn u tletin centezmu (€2,092.32) bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez, inkluz tal-ittra ufficjali ezekuttiva 3742/11 u l-mandati kawtelatorji ikunu a karrigu tal-konvenut..

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------